**31 ta' Ottubru, 1996**

**Imħallef:-**

**Onor. Noel Arrigo LL.D.**

Saviour Farrugia għan-nom u in rappreżentanza tal-Korporazzjoni Telemalta, debitament awtorizzat

*versus*

Emanuel Zahra, Tarcisio Galea & Anthony Montebello

**Danni - Obbligazzjoni - *Culpa in Eligendo* - Artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili - Proċeduri Kriminali u Ċivili - Indipendenza Bejn**

*Irrizulta illi ngħata subappalt għal tqattigħ lil soċjeta` li ma kinitx iċċitata fil-kawża - Anthony Montebello Limited - u għalhekk il-konvenut* proprio *Anthony Montebello ġie lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju spejjeż ta' l-attur.*

*Il-konvenuti l-oħra eċċepew illi kienu inkarigaw lil Anthony Montebello Limited u għalhekk il-prova tal-*cupa in eligendo *kienet tispetta lill-attur liema prova ma saritx.*

*Il-Qorti fakkret ukoll fil-kors tas-sentenza id-distinzjoni bejn il-proċedimenti ċivili u kriminali u l-livelli ta' prova rikjesti.*

Il-Qorti:-

F'din iċ-ċitazzjoni l-attur qed jallega li l-konvenuti ikkaġunaw ħsara f'*cable* tal-Korporazzjoni Telemalta waqt li huma jew min minnhom kienu qegħdin jagħmlu xogħol ta' tħaffir. Hu llikwida l-ħsara kkawżata fl-ammont ta' Lm482.25,2 għal-liema ammont il-konvenuti ġew debitament interpellati sabiex iħallsu iżda baqgħu inadempjenti;

U għalhekk talab lill-Qorti sabiex tiddikjara min kien responsabbli għall-ħsara u tikkundannah biex iħallas is-somma fuq imsemmija bl-ispejjeż;

Effettivament hemm tliet konvenuti;

Il-konvenut Anthony Montebello eċċepixxa li huwa ma kienx responsabbli għal ħsara peress li ma kienet teżisti ebda relazzjoni ġuridika bejnu u l-attur *nomine* u dana peress li huwa

ma għamel ebda xogħol fuq bażi personali lill-attur;

Isostni li l-attur kien inkariga liż-żewġ konvenuti l-oħra għax-xogħlijiet u ċjoe` lil Tarcisio Galea u lil Emanuel Zahra u finalment jgħid li hu kien ġie lliberat minn kull responsabbilita` wara proċeduri fil-Qorti tal-Maġistrati;

Il-konvenuti Tarcisio Galea u Emanuel Zahra eċċepew illi huma kienu ingħataw *tender* mill-attur, liema xogħol kien ġie mogħti lill-kuntrattur Anthony Montebello Limited u esegwiet minnu, u għaldaqstant qalu li huma mhumiex responsabbli għall-ħsarat;

Fis-seduta tat-18 ta' Frar, 1993 ġie appuntat l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Kenneth Gulia biex jiġbor ix-xhieda;

Irriżulta waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru, 1994 li Emanuel Zahra wieħed mill-konvenuti, *surveyor* ma' Tarcisio Galea Constructions Limited, isostni li huma setgħu jagħmlu *subcontacting* tax-xogħol bil-permess tat-Telemalta;

Qal li huma fil-fatt dan għamluh u għalhekk jiġi li Tarcisio Galea Constructions Limited qatt ma għamlu xogħol tat-tħaffir tat-trinek fil-lokalita` kkonċernata u lanqas ma kienu jafu li inqata' xi *cable* ħlief meta irċieva ċitazzjoni mill-Qorti;

Barra minn hekk il-Korporazzjoni Telemalta saħansitra ħallset lil Tarcisio Galea Constructions Limited għax-xogħol li sar mingħajr ma naqsu xejn u mingħajr ma qalulhom xejn fuq il-*cable*;

Fis-seduta tad-29 ta' Mejju, 1996, ġie ddikjarat li l-provi kienu kollha miġbura;

Il-Qorti tibda biex tirrimarka illi l-fatt li l-atturi ħallsu lil Tarcisio Constructions Limited mingħajr ma naqsulhom xejn, bl-ebda mod ma jissinifika li huma ma kellhomx dritt li jipproċedu kontra l-konvenuti *ex delicto* għal xi ħsara li dawn kienu għamlu;

Infatti, ħlief għal fatt li l-pagament li sar seta' ġie ddepositat il-Qorti, dan kien il-mod korrett kif kellhom jimxu l-atturi fis-sens illi kellhom iħallsu lil dak li kien imqabbad bit-*tender* għall-prezz ta' xogħlu, imbagħad imexxu ġudizzjarjament biex jitħallsu tad-danni li kienu ġew lilhom ikkaġunati;

Apparti minn din il-konsiderazzjoni, jidher li dwar il-fatti m'hemmx kontestazzjoni serja;

Invece f'din il-kawża tqajjmu diversi punti legali, apparti mill-punt ġa` imsemmi, li jridu jiġu determinati;

L-ewwel minn dawn il-punti, hija l-eċċezzjoni tal-konvenut Montebello illi l-fatt li huwa ġie lliberat mir-responsabbilita` wara l-proċeduri fil-Qorti tal-Maġistrati, tissinifika li huwa m'għandux tort ċivilment;

Dina l-Qorti m'għandhiex għalfejn iddum dwar din l-eċċezzjoni ħlief li tfakkar lill-konvenut fid-distinzjoni li dejjem saret fil-ġurisprudenza tagħna bejn il-proċess ċivili u dak kriminali u dan, partikolarment fil-konfront ta' responsabbilita` u l-provi meħtieġa biex il-ġudikant jasal għall-konklużjoni tiegħu;

Fil-kamp kriminali teżisti d-dottrina Ingliża ta' *beyond reasonable doubt* biex l-imputat jinstab ħati u fin-nuqqas ta' dan il-kriterju fil-mens tal-Maġistrat huwa jrid jillibera;

F'dak ċivili l-prova meħtieġa hija inqas rigoruża u huwa biżżejjed illi f'moħħ il-ġudikant teżisti l-konvinzjoni morali li bejn *iż-żewġ kontendenti t-teżi ta' wieħed hija dik korretta u* vera;

L-atturi xehdu estensivament quddiem l-Assistent Ġudizzjarju u ġabu l-provi rikjesti mil-liġi li jissodisfaw lill-Qorti li l-ħsara saret kif minnhom indikat u dana ukoll għall-ammont *involut;*

Din il-Qorti kif diversament ippresjeduta ordnat li jsiru diversi seduti għall-provi tal-konvenuti;

F'dawn is-seduti xehed biss il-konvenut Emanuel Zahra *fis-seduta tat-2 ta' Diċembru, 1994:*

"Dak iż-żmien konna ħadna kuntratt bil-permess tat-Telemalta u stajt nagħmel *sub-contracting* tax-xogħol. Kont għamilt *sub-contract* lil Anthony Montebello. F'Jannar 1989 għamilt *agreement* ma' Montebello fejn għamilt *sub-contract* tax-xogħol *in kwistjoni lil Anthony Montebello. F'seduta oħra* nesebixxi l-iskrittura relattiva. Jiena stajt nagħmel is-*sub-contracting* bil-permess tat-Telemalta;

Kont infurmajt lil Jeremy Clarke li jaħdem fl-*Administration* tat-Telemalta. Kont mort jiena biex ninforma lil *Telemalta u informajtu u rrisponda lura bil-kitba;*

Konna ħadna l-offerta f'idejna u għamilna *sub-contracts* lil Anthony Montebello Limited. Lili qatt ma ġibduli l-attenzjoni li inqata' xi *cable*. Aħna inġenji tagħna qatt ma kellna hemmhekk. Aħna qatt ma għamilna xogħol ta' tħaffir ta' trinek *f'din il-lokalita`; u lanqas għandna hymac biex nagħmlu dan ix-*xogħol. Dan ix-xogħol kien jikkonsisti fi tħaffir u *laying of*

*cables*. In-nies tagħna qatt ma għamlu dan ix-xogħol. Montebello qatt ma kellimna li ġara xi ħsara rigwardanti xi *cable*. It-Telemalta qatt ma kellmuni jew bagħtuli xi ittri. Hallsuni *in full* tax-xogħlijiet li għamilna u qatt ma semmewli jew qatgħuli l-ammont tal-ħsarat li qegħdin jgħidu. Nikkonferma li l-ewwel darba li sirt naf b'dawn il-ħsarat hu meta irċevejt mill-Qorti";

Fis-seduta tas-16 ta' Frar, 1996 b'referenza għax-xhieda tiegħu huwa jesebixxi bħala Dok. EZ1 is-sub-appalt magħmul ma' Montebello wara li ġie vverbalizzat:

"L-istess Zahra kkonferma illi l-kuntratt ta' appalt meritu tal-kawża oriġinarjament ġie mogħti lil Zahra u Galea personalment pero` sussegwentement dan kellu jinħadem mis-soċjeta` Limestone Ltd. u sussegwentement u effettivament dan l-appalt ġie mogħti u maħdum lil konvenut Montebello";

Dan id-dokument fil-parti relevanti tiegħu hekk jgħid:

"*Whereby the parties premise that the tenderers have been granted tender number TR/TT/114/88 by Telemalta Corporation for the execution of Civil Engineering works at Żebbug/Rabat under all the terms and conditions contained and referred to in the relative letter of acceptance of 3rd January, 1988.*

*Now therefore by virtue of this agreement, the tenderers are hereby subcontracting to the subcontractor who accepts the execution of the works aforementioned.*

*This subcontracting agreement is being made and accepted under all the general and special terms and conditions of the aforementioned tender, which conditions the subcontractor hereby declares to be aware of and to accept*";

Huwa ta' min jinnota li din l-iskrittura ġiet magħmula minn *Limestone Limited* bħala *tenderers* u *minn* A. Montebello Limited bħala *sub-contractors* u minkejja li saret emenda fl-intestatura oriġinali, id-dokument huwa fil-fatt iffirmat minn persuna għan-nom ta' A. Montebello Limited u din l-iskrittura hija awtentika;

Apparti pero` minn dan id-dokument mhuwiex negat dak li qal Emanuel Zahra fix-xhieda tiegħu li s-*sub-contract* sar bil-permess tat-Telemalta u sar lis-soċjeta` A. Montebello Limited;

L-atturi ma ġabu ebda prova kuntrarja;

Fil-fehma tal-Qorti għalhekk f'dan is-sens trid bilfors tiġi milqugħa l-ewwel parti ta' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Anthony Montebello meta jeċċepixxi "illi hu ma għamel ebda xogħol lill-attur *nomine* fuq bażi personali";

Dan huwa apparti mill-fatt jekk persuna ġuridika tistax tkun resonsabbli għall-obbligazzjonijiet li jirriżulta *ex delicto* għax anke fin-nuqqas ta' din il-possibbilita` kien jispetta lill-atturi jindikaw b'mod ċar li kien il-konvenut Montebello li kellu jwieġeb għal din il-ħsara, u din il-prova ma saret bl-ebda mod mill-istess atturi u għalhekk il-konvenut Montebello personalment irid jiġi bilfors illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju spejjeż għall-attur;

F'dan l-istadju għalhekk jibqa' biex jiġi eżaminat ir-relazzjoni ta' l-attur mal-konvenuti l-oħra li kienu l-appaltaturi oriġinali;

Il-ftehim ta' appalt oriġinali ma ġiex esebit. Jiġi ripetut pero` illi ma ġiex ikkontestat illi l-appaltaturi oriġinali kellhom id-dritt jagħtu s-sub-appalt;

Japplika għalhekk f'dan il-kamp il-provvediment ta' l-artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 12:

"Kull min għal xi xogħol jew servizz ieħor iqabbad persuna mhux ta' ħila jew illi hu ma jkollux raġun jaħseb li hija ta' ħila hu obbligat għall-ħsara illi dik il-persuna minħabba n-nuqqas ta' ħila tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor fl-esekuzzjoni tax-xogħol jew servizz hawn fuq imsemmi";

Il-prova li l-konvenuti Zaħra u Galea qabdu persuna mħux ta' ħila kienet tispetta lill-attur *nomine.* Huwa lanqas din il-prova ma ġab;

Jirriżulta għalhekk li minkejja li rnexxielu jipprova l-ħsara li sofra l-attur *nomine* ma pprovax min speċifikament kien legalment responsabbli għal din il-ħsara;

Għal dawn ir-raġunijiet it-talbiet tiegħu ma jistgħux jiġu milqugħa fil-konfront tal-konvenuti kollha f'din il-kawża u qegħdin jiġu respinti bl-ispejjeż.